**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Pulizija**
**Spettur Mario Buttigieg**

**Vs**

**Julian Jamie Formosa**

**Illum 18 ta' Frar 2002.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Julian Jamie Formosa, ta' 30 sena, iben Joseph Leo u Moira Eileen nee' Dillon, imwieled Ingilterra, data ta' twelid 3 ta' Marzu 1971, residenti, "Magnolia House", Triq id-Dris, Swieqi, bin-numru tal-karta tal-identita' 94588(M);

Talli fl-24 ta' Ottubru 2001 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi:

1) ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew

skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentament ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan ai termini tal-Artikolu 183 u tal-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali Kap 9;

2) Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentament ghamel uzu minn wahda mid-dokumenti u cioe' licenzja falsifikata u dan ai termini tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali Kap 9.

Wara illi rat l-Artikoli 183, 184 u 186 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi imputat Julian Jamie formosa hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax (18)-il xahar mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.